MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2757/2002

**Vodafone Malta Limited**
**vs**
**Etienne Camilleri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm170.62 (mija u sebghin lira u tnejn u sittin centezmu) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 99440555.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat mal-avviz u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament.

Ra li l-konvenut baqa' ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Avv Dr Michael Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont ta' Lm170.62 ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm170.62 (mija u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu). Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------